MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2010

Numru. 253/2006

**Il-Pulizija
(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Isabelle Brincat**

Il-Qorti

Rat l-imputazzzjonijiet kontra Isabelle Brincat ta’ 35 sena bint Joseph u Pauline nee Stagno imwielda l-Pieta’ fil-11 t’a Novembru 1970 u residenti Casa Stagno No 8 Għar Barka Rabat detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 146570 (M)

Akkużata talli f’dawn il-Gżejjer fis-7 ta’ Ottubru 2005 u fil-jiem ta’ qabel

**(a)** forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kienet awtorizzata bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellha licenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

**(b)** kellha fil-pussess tagħha d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqas milli tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha għall-użu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tagħha;

Rat l-atti kollha tal-kawża inklużi d-dokument IF, il-fedina penali tal-imputata (a fol 4), iċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 1465 tal-1970, l-ordni tal-Avukat Ġenerali tal-19 ta'Ġunju 2006, l-istqarrija tal-imputata (fol 5), ir-rapport tal-Probation Officer Marietta Lanzon (fol 14), id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li l-imputata għandha tibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap 101 fil-massimu tiegħu (fol 32) u li għandha tapplika għall-erba' proċessi, cioe' fil-proċessi bin-numru 130/07, 253/06, 451/06, 214/07, id-digriet tal-Qorti li bih iddikjarat li x-xhieda tal-Psikologa Mariella Balckman u tal-Psikolgu Martin Micallef kellhom jidhru fil-proċessi kollha diġa' msemmija ( fol 15 tal-proċess 130/07), id-digriet li bih il-Qorti kienet laqgħet it-talba li tingħata sentenza waħda fl-erba' kawżi wara li qablet il-Prosekuzzjoni, u d-digriet li bih il-Qorti irrevokat contario imperio d-digriet mogħti fit-18 ta' Jannar 2010 wara rikors magħmul mill-Prosekuzzjoni sabiex id-digriet ikun revokat.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkonsidrat

Li ġaladarba l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontriha (fl-udjenza tal-11 ta' Mejju 2007 a fol 7 u fil-11 ta' Frar 2008 fol 31) u kkonfermat tali ammissjoni wara li ngħatat żmien biex taħsibha, allura dawn l-imputazzjonijiet huma ppruvati skond il-Liġi.

Il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i), 22(1B) tal-Kap 101, u r-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939 tal-Liġijiet ta' Malta issib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontriha b'dan pero' li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

Dwar il-piena, il-Qorti kkonsidrat dan li ġej:

(a) li l-imputata kellha fedina nadifa;

(b) li għandha tebbenifika mill-artikolu 29 tal-Kap 9 fil-massimu;

(ċ) li ammettiet mal-ewwel.

(d) id-dettalji li ħarġu mix-xhieda tal-psikologi.

(e) ir-rapport tal-Probation Officer bir-rakkomandazzjoni a fol 25 li juri kif l-infatwazzjoni wara persuna wasslet lill-imputata

Min-naħa l-oħra l-Qorti jkollha tqis iċ-ċirkostanza serja ta' fejn kienet ser tkun fornuta d-droga – propju ġewwa l-Qorti - ċirkostanza li ma tistax tkun injorata.

Il-Qorti għalhekk qed tikkundanna lill-imputata għall-piena ta' priġunerija ta' sitt xhur u għall-ħlas ta' multa €468.
Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------